MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1056/1995/1

**Josephine Borg armla ta' Fredu u huha Fredu Desira**

**vs**

**Lucy Bencini, Salvu Desira u Grace u Carmen Desira**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Frar, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvz ipprezentat mill-atturi fl-1 ta' Novembru 1995 fejn talbu lil din il-Qorti li tiddikjara illi l-atturi huma kerrejja tal-ghelieqi u r-razzett msejjah tal-"Ghoxqi", "Ta' Sasu" jew tal-"Wied", fi Triq tal-Mozz, fi Triq id-Dahla ta' San Tumas fiz-Zejtun proprjeta' tal-konvenuta Lucy Bencini, u kerrejja flimkien ma' huhom Salvu u Carmen Desira, u ommhom Grace Desira u b'digriet ta' l-20 ta' Novembru 2001, gie

ordnat li jizdiedu l-kliem “kif, u fid-daqs lilhom assenjat minn missierhom qabel mewtu”.

Ghal fini tal-kompetenza jigi dikjarat illi l-lokatizju huwa ta’ tmintax-il lira fis-sena.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Settembru 1995, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Lucy Bencini fejn eccepiet:

Illi dwar it-talbiet tal-atturi hi bhala l-proprjetarja tal-art in kwistjoni, tirrimetti ruhha ghall-provi, u ghall-eventwali decizzjoni ta’ dina l-Qorti.

Billi l-kwistjoni hi wahda nterna bejn l-ahwa Desira, tissottometti li m’ghandhiex tbghati spejjez, li ghandhom ikunu a karigu tal-partijiet l-ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Salvu Desira fejn ecepixxa:

1. Illi l-esponenti jissottometti li l-qbiela tal-istess ghelieqi u razzett indikati fl-avviz hija tal-istess esponent u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-atturi qieghdin jitolbu dikjarazzjoni illi huma flimkien mal-konvenut Salvu Desira huma l-kerrejja ta’ l-ghelieqi u razzett imsejjah ta’ l-”Ghoxqi”, “Ta’ Sasu” u tal-”Wied”, fi Triq tal-Mozz, fi Triq id-Dahla ta’ San Tumas fiz-Zejtun proprjeta’ tal-konvenuta Lucy Bencini.

Irrizulta mill-provi illi din ta' l-ahhar hija l-proprjetarja ta' dawn l-ghelieqi msemmija fl-avviz. Dawna kienu originarjament mikrija lil missier il-kontendenti li ftit qabel ma miet kien qassamhom ugwalment bejn uliedu, nkluza wkoll l-omm li hadet tomnejn. Dawn it-tomnejn huma fil-fatt l-ghelieqi msemmija f'din il-kawza. Wara l-mewt tar-ragel dawn it-tomnejn baqghu fil-pussess ta' l-omm Grace Desira li fil-1994 cediet formalment il-qbiela favur binha l-konvenut Salvu Desira. Il-konvenuta Josephine Borg sa mill-1984 kienet taf b'dan it-trasferiment fattwali ghaliex qaltilha ommha (fol18), avolja Josephine Borg tghid illi filfatt l-omm ta' ghamlet xejn. Irrizulta pero' l-oppost, illi proprju dak iz-zmien illi l-omm trasferiet fil-fatt dawn il-porzjonijiet raba lit-tifel taghha l-konvenut Salvu Desira.

L-attur Fredu Desira a fol 35 ighid illi huwa kien mar l-Ghammieri sabiex jara f'isem min huma registrati dawn l-ghelieqi u sab illi kienu originarjament registrati f'isem ommu li mbaghad ittrasferithom f'isem il-konvenut Salvu Desira. Huwa proprju dan it-trasferiment illi l-atturi qieghdin jikkontestaw u jghidu illi l-omm ma setghet qatt taghmel dan, peress illi dik ir-raba kien imiss lil ulied kollha.

Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghal decizzjoni maghmula minnha kif preseduta fid-19 ta' Frar 2001 fl-istess ismijiet f'liema kawza l-atturi kienu talbu n-nullita ta' skrittura datata 19 ta' Jannar 1996 illi biha l-omm kienet iddikjarat formalment illi qieghdha titrasferixxi l-ghelieqi favur Salvu.

F'din is-sentenza din il-Qorti dahlet fil-fond ghal dak li jirrigwarda l-origini ta' dan it-titolu u kif ghadda favur il-konvenut Salvu Desira u waslet ghal konluzzjoni illi ma kien hemm xejn irregolari b'tali trasferiment. Fil-fatt il-Qorti fost affarijiet ohra qalet *"kif gia nghad ic-cessjoni setghet liberament issir ladarba dina saret skond ir-rekwiziti tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta …… Il-qbiela trasferita ma kienetx ta' l-attrici izda biss ta' l-omm u kienu dawn it-tomnejn taghha illi hija cediet lil binha, haga li setghet liberament taghmel skond il-Kap fuq imsemmi."* Ta' min ighid illi minn din id-decizzjoni ma sarx appell [fol 118]

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ din is-sentenza huwa inutili illi l-Qorti tkompli tikkonsidra l-meritu ta’ din il-kawza u dana peress illi gia hemm gudikat illi Grace Desira kienet intitolata tghaddi l-qbiela taghha favur il-konvenut Salvu Desira ghad esklussjoni tal-atturi l-ohra. A skans ta’ repetizzjoni l-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza taghha tad-19 ta’ Frar 2001 fuq imsemmija, illi tkopri wkoll il-meritu ta’ din il-kawza u ghalhekk fl-isfond ta’ dak li nghad din il-Qorti ma thossx illi tista tilqa’ t-talba ta’ l-atturi u tiddikjara illi huma wkoll, huma l-kerrejja tal-ghelieqi msemmija fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.”

L-atturi appellaw minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-ewwel Qorti kienet zbaljat meta iddecidiet li l-pretiza taghhom kienet tikkolpixxi limitatament dak ir-raba li l-omm kienet cediet lill-konvenut Salvu Desira. L-obbjezzjonijiet l-ohra tal-atturi huma lkoll sfumaturi ta’ dan l-aggravju principali.

Fit-tentattiv li l-materja titqieghed fil-perspettiva logika taghha u din tkun ahjar iccarata jinhass utili li qabel xejn jigu nkwadrati dawn l-aspetti emanenti mill-proceduri bejn il-partijiet in kawza:-

1. Bl-avviz numru 1056/95, dak relattiv ghall-istanza odjerna introdott fl-1 ta’ Novembru 1995 l-atturi talbu dikjarazzjoni fis-sens li huma ko-kerrejja tal-ghelieqi u razzett denominati “Tal-Ghoxqi” sive “Ta’ Sasu” jew “tal-Wied” fid-dahla ta’ San Tumas, limiti Zejtun, proprjeta’ ta’ Lucy Bencini.
2. Bl-avviz numru 1441/99, ottenuta l-awtorizazzjoni tal-Qorti fil-kawza fuq indikata, l-atturi pprocedew fil-5 ta’ Ottubru 1999 bl-azzjoni ta’ impunjattiva ta’ l-iskrittura tad-19 ta’ Jannar 1996 u li permezz taghha l-konvenuta

Grazia Desira kienet cediet il-qbiela li kellha lil binha Salvu Desira.

Fid-decizjoni moghtija fid-19 ta’ Frar 2001 f’din il-kawza l-Qorti adita kienet iddeterminat fil-parti razzjonali tas-sentenza illi, bic-cessjoni maghmula, l-omm cediet it-tomnejn (2T) li kellha lil binha, kif hekk setghet taghmel in forza tal-Kap 199 tal-Ligijiet.

3. Avvenuta din id-decizjoni li minnha ma sar l-ebda appell,u b’hekk ghaddiet in gudikat, l-atturi talbu korrezzjoni tal-att promotur tal-kawza prezenti fis-sens li jizdiedu l-kliem “kif, u fid-daqs, lilhom assenjat minn missierhom qabel mewtu”. Din il-korrezzjoni giet akkordata b’digriet tal-ewwel Qorti tal-20 ta’ Novembru 2001.

4. Fid-decizjoni tal-4 ta’ Frar 2002 illi minnha proprju gie intavolat l-appell tal-atturi, l-Qorti arginat il-parti operattiva tas-sentenza fuq id-deduzzjoni minnha maghmula fid-decizjoni l-ohra tad-19 ta’ Frar 2001. Essenzjalment, dik il-parti taghha fejn kienet iddeliberat illi “l-qbiela trasferita ma kienetx ta’ l-attrici izda biss ta’ l-omm u kienu dawn it-tomnejn taghha li hija cediet lil binha, haga li setghet liberament taghmel skond il-kap fuq imsemmi”.

Issa mir-rizultanzi probatorji rakkolti fil-process jinghad, skond id-deposizzjoni tal-konvenuta Lucy Bencini (fol 73) illi r-raba proprjeta` taghha li kienet mikrija lil Salvu Desira, zewg il-konvenuta Grace Desira u missier il-kontendenti l-ohra, kienet tikkonsisti f’area superficjali ta’ cirka tmint itmiem (8T). Dan jikkorrispondi ghal kejl indikat fis-survey sheet esebita a fol 60; ghal precizazzjoni, meta maghdud, sebat itmiem, hames sighan u tmien kejliet (7T 5S 8K).

Jinghad mix-xhud Alfred Farrugia, ufficjal fid-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura (fol 55), illi r-raba li kellu l-kerrej originarju Salvu Desira gie trasferit, ghalkemm indiviz, a favur ta’ uliedu, u cjoe`, l-konvenut Salvu Desira u l-atturi. Effettivament, il-precitata survey sheet tispjega l-proporzjon mir-raba ‘de quo’ ta’ kull wiehed minn dawn l-

ulied. Hekk jirrizulta li l-attur Fredu Desira ghandu registrat fuqu total komplessiv ta’ tomnejn, tliet sighan u seba’ kejliet (2T 3S 7K), l-attrici Josephine Borg ghandha tomna, tliet sighan u raba’ kejliet (1T 3S 7K), filwaqt li l-konvenut ghandu total ta’ tliet itmiem tmien sighan u erba’ kejliet (3T 8S 4K).

Dejjem skond dan ix-xhud jinghad li t-trasferiment sar fl-1980 minn Grace Desira, l-armla ta’ Salvatore senior (fol 57).

Fl-Affidavit taghha (fol 16) il-konvenuta Grace Desira tghid li l-iskrittura tad-19 ta’ Jannar 1996, u cjoe` wara li kienet gja bdiet din il-kawza, saret biex tikkonferma c-cessjoni verbali tal-1984 lil binha Salvu Desira ta’ l-istess raba.

Issa gjaladarba gie hekk stabbilit bid-decizjoni tad-19 ta’ Frar 2001, ic-cessjoni hekk maghmula mill-omm lil dan binha kienet limitata ghat-tomnejn taghha. Li jfisser ragjonevolment illi l-kumplament tar-raba appartenenti bi proprjeta` lill-konvenuta Lucy Bencini ma kienx kolpit minn dina c-cessjoni.

Huwa minnu illi wara l-mewt ta’ zewgha fl-1979 il-qbiela ghaddiet fuq l-omm u fil-fatt din kompliet tithallas minnha ad eskluzjoni ta’ uliedha. Dan anke wara li fl-1980 ghamlet ghaf-favur tal-precitati uliedha t-trasferimenti fuq stabbiliti. Dawn it-trasferimenti li saru, skond kif indikat mix-xhud, ma gewx la kontestati, la kontrasti u lanqas zmentiti. Ghalhekk il-Qorti ma tistax ma taccettax ix-xhieda tal-imsemmi ufficcjal tad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura bhala dik l-aktar idonea u korrispondenti ghal vera sitwazzjoni tac-cessjoni ta’ partijiet ukoll mill-istess raba lill-ulied l-ohra, atturi f’din il-kawza.

Huwa minnu li l-konvenut Salvu Desira baqa’ jahdem wahdu r-raba kollu. Pero` dan il-fatt wahdu ma jintitolahx ghall-esklussivita` tat-titolu tal-qbiela.

Hekk ukoll huwa minnu illi dan l-istess konvenut gie finalment rikonoxxut mis-sid bhala l-gabillot u utent tar-raba`. Dan ghamlitu fuq parir legali li kellha referibilment

ghall-affidavit ta' dan l-istess Salvu Desira, mahluf fis-26 ta' Settembru 1995 (fol 80). Ciononostante, fil-fehma tal-Qorti dan ir-rikonoxximent kien wiehed kondizzjonali tant li anke issa fl-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta u sid ir-raba, Lucy Bencini, qed tghid li tirrimetti ruhha ghall-provi u l-eventwali decizjoni tal-Qorti fir-rigward.

Evalwat dan kollu l-Qorti hi tal-opinjoni illi l-ewwel Qorti zbaljat meta akkoppjat il-kejl kollu tar-raba bhala formanti parti mic-cessjoni tat-tomnejn (2T) li hi stess kienet b'sentenza ta' qabel iddikjarat li kien dan il-kejl li gie trasferit mill-omm lil binha Salvu Desira, u ghal liema kienet tirreferi l-iskrittura tad-19 ta' Jannar 1996. L-atturi ghalhekk jimmeritahom li jkunu huma wkoll konsiderati ko-inkwilini tar-raba 'de quo agitur'. Dan ben intiz skond kif ahjar indikat fis-survey sheet a fol 60 tal-process.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell interpost mill-atturi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tirrevoka s-sentenza appellata li biha cahdet it-talbiet taghhom u tiddikjara minflok li l-atturi ghandhom jitqiesu ko-inkwilini tar-raba fuq msemmi u kif fuq inghad flimkien mal-konvenut Salvu Desira.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal nofs mill-atturi u r-rimanenti nofs l-iehor mill-konvenut Salvu Desira.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------